MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**SAVIOUR DEMICOLI**

Seduta tal-15 ta' Novembru, 2012

Numru. 819/2010

**Il-Pulizija**
**(Spettur Melvyn Camilleri)**
**(Spettur Arthur Mercieca)**

**vs**

**- OMISSIS -**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet li permezz taghhom - omissis -

Giet akkuzata talli:

1. nhar l-20 ta’ Awwissu 2009 bil-hsieb li taghmel hsara lil A (ID: ) akkuzatu quddiem Awtorita kompetenti b'reat u cioe li kien ikkommetta stupru vjolenti fuqha;

2. u aktar talli fl-istess data u cirkostanzi ddenunzjat lill-Pulizija Ezekuttiva reat li taf li ma sarx b'mod li setghu inbdew proceduri kriminali sabiex jizguraw li dak ir-reat kien sar;

3. U wkoll talli fl f'dawn il-gzejjer f'Awwissu 2009 u fix-xhur ta' qabel offendiet il-pudur jew il-morali b'eghmil li sar f'lok pubbliku jew f'lok espost ghal-pubbliku;

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali esebit bhala Dok. PS 3 u nnutat li l-imputata - omissis - m'ghandhiex oggezzjoni li l-kaz taghha jigi trattat bi procedura sommarja.

Innutat li fis-Seduta tallum il-parte civile presenti fl-Awla ghal kull buon fini iddikjara li qieghed jirrinunzja ghall-azzjoni kriminali fil-konfront tal-imputata kull fejn hu rinunzjabbli u inoltre iddikjara li r-relazzjoni bejnu u bejn l-imputata tjiebet.

Innutat ukoll li fl-ezami taghha l-imputata wiegbet li hija hatja tal-akkuzi kollha migjuba kontra taghha.

Il-Qorti wissiet lill-imputata bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni taghha u taghhta ftit taz-zmien sabiex tiddeciedi jekk tikkonfermax l-ammissjoni taghha jew le, u wara li giet mistoqsija jekk tikkonfermax l-ammissjoni taghha jew le, l-imputata wiegbet li hi hatja tal-akkuzi kollha migjuba kontra taghha.

Semghet trattazzjoni dwar il-piena.

Rat l-artikoli 17, 101, 110(2) u 209 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Issib lill-imputata - omissis -, fuq ammissjoni, hatja tal-akkuzi kollha migjuba kontra taghha u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluza l-fedina penali netta tal-imputata, il-fatt li l-imputata ammettiet fi stadju bikri tal-kawza u dak dikjarat mill-parte civile fil-Verbal tas-Seduta

tallum kif riportat aktar qabel f'din is-Sentenza, tillibera lill-istess imputata - omissis - taht il-Provvediment tal-Artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta bil-kundizzjoni li ma taghmilx reat iehor fi zmien sentejn (2) millum.

Finalment il-Qorti qed taghti lill-imputata - omissis - l-ispjegazzjoni preskritta fis-sub-artikolu 22(3) tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta’ Malta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------